IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015
COM(2015) 203 final

2015/0106 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-Unjoni hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE (minn issa 'l quddiem imsejħa d-"Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija" jew id-"Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet previsti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza li kwalunkwe Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell tat-tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jippermetti lid-Danimarka tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port (minn hawn 'il quddiem "elettriku mix-xatt"). Din l-eżenzjoni hija intiża li tagħti inċentiv ekonomiku għall-użu tal-elettriku mix-xatt sabiex jonqos it-tniġġis tal-arja fl-ibliet portwali u titjieb il-kwalità tal-arja lokali għall-benefiċċju tas-saħħa tal-abitanti.

L-għan tal-miżura li għandha tiġi applikata mid-Danimarka huwa wkoll li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport marittimu.

It-talba u l-kuntest ġenerali tagħha

B'ittra li ġġib id-data tat-2 ta' Lulju 2014, l-awtoritajiet Daniżi infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw tnaqqis fit-taxxa fuq l-elettriku pprovdut lill-bastimenti, għajr għad-dgħajjes privati għar-rikreazzjoni irmiġġati ġewwa port. Fuq talba tal-Kummissjoni, id-Danimarka pprovdiet informazzjoni addizzjonali fit-13 ta' Novembru 2014 u fit-23 ta' Frar 2015. Permezz tal-miżura li qed titlob, id-Danimarka trid tagħti inċentiv għall-użu tal-elettriku mix-xatt li hu kkunsidrat bħala alternattiva li tniġġes inqas mill-iġġenerar tal-elettriku minn fuq il-bastimenti li jkunu rmiġġati f'port.

L-intenzjoni tal-awtoritajiet Daniżi hija li japplikaw rata mnaqqsa ta' DKK 4 (app. EUR 0,54) ([1]) kull MWh ta' taxxa fuq l-elettriku għall-elettriku mix-xatt. Din ir-rata ta' taxxa hija ogħla mir-rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għal skopijiet kummerċjali kif stipulat fid-Direttiva 2003/96/KE. Ir-rata nazzjonali ta' tassazzjoni attwalment applikabbli għall-elettriku mix-xatt hija ta' DKK 878 ([2]) (app. EUR 117.95) għal kull MWh li hija r-rata nazzjonali ta' tassazzjoni tal-elettriku għal skopijiet mhux kummerċjali.

Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija jobbliga lill-Istati Membri jeżentaw il-prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għal skopijiet ta' navigazzjoni fl-ilmijiet tal-UE, għajr dgħajjes privati għar-rikreazzjoni. Din l-eżenzjoni tkopri wkoll il-prodotti tal-enerġija użati fil-produzzjoni tal-elettriku abbord bastimenti rmiġġjati fil-portijiet. L-Istati Membri jistgħu wkoll jeżentaw il-prodotti tal-enerġija użati mill-bastimenti, għajr dgħajjes privati għar-rikreazzjoni, għan-navigazzjoni fil-mogħdijiet fuq l-ilma interni skont l-Artikolu 15(1)(f) tagħha li wkoll ikopri l-produzzjoni tal-elettriku abbord. Madankollu din id-dispożizzjoni tal-aħħar ma għandha l-ebda rilevanza għat-talba tad-Danimarka peress li fil-preżent ma għandhiex passaġġi fuq l-ilma interni.

Għalhekk fil-biċċa l-kbira tal-każijiet is-sistema ta' tassazzjoni bbażata fuq id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija ma taffettwax il-kostijiet għall-produzzjoni tal-elettriku abbord

([1]) Il-kalkoli kollha huma bbażati fuq ir-rata tal-kambju tal-1 ta' Ottubru 2014, jiġifieri DKK 7.4437 għal kull EUR 1. Ara. ĠU C 344 tat-2.10.2014.

([2]) Il-livell ta' tassazzjoni tal-elettriku hija dik applikabbli f'Jannar 2015 (ara http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/excise_duties/energy_products/rates/index_en.htm).

bastimenti rmiġġati f'port anki jekk din il-produzzjoni jista' jkollha effetti negattivi fuq is-saħħa u l-ambjent minn deterjorament tal-kwalità tal-arja u żżid il-livelli tal-istorbju fil-portijiet.

Id-Danimarka se tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għall-provvista kollha tal-elettriku mix-xatt ta' mill-inqas 380 volt għall-bastimenti li jintużaw għal navigazzjoni kummerċjali b' tunnellaġġ gross ta' mill-inqas 400. L-awtoritajiet Daniżi jsostnu li anke b'dawn ir-restrizzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura l-maġġoranza assoluta tal-bastimenti użati fit-traffiku internazzjonali u bastimenti ikbar użati fit-traffiku nazzjonali jkunu koperti mit-tnaqqis fit-taxxa. Huma dawn il-bastimenti li huma kkunsidrati bħala responsabbli għall-parti l-kbira tal-emissjonijiet ikkawżati mit-tħaddim tal-muturi awżiljarji abbord meta jkunu rmiġġati fil-portijiet.

L-awtoritajiet Daniżi infurmaw lill-Kummissjoni li huma kienu qed jistennew li t-tnaqqis tat-taxxa se jirriżulta f'nefqiet tat-taxxa annwali ta' bejn wieħed u ieħor DKK 15-il miljun (EUR 2 miljuni). Din is-suppożizzjoni hija bbażata fuq l-istima tal-konsum tal-elettriku tal-bastimenti tal-krużieri u bastimenti tal-merkanzija f'portijiet Daniżi fl-2008 li kien jammonta għal madwar 33 000 MWh (li minnhom 17 000 użati fil-bastimenti tal-krużieri). Il-kalkoli jassumu li dan il-konsum ma nbidilx fil-frattemp, u li mhux il-bastimenti kollha se jużaw l-elettriku mix-xatt fil-futur. L-awtoritajiet Daniżi jindikaw li din l-istima għandha tiġi kkunsidrata b'attenzjoni minħabba li din hija skema ġdida fid-Danimarka, u ma hemm ebda bażi għal tqabbil ma' skemi simili. Fil-preżent il-portijiet fid-Danimarka ma jipprovdux faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt. Barra minn hekk, il-bastimenti se jkunu ħielsa li jagħżlu jekk jixtrux l-elettriku mix-xatt jew le.

L-awtoritajiet Daniżi jirrikonoxxu li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur is-sidien ta' bastimenti li jintużaw għan-navigazzjoni kummerċjali, li jistgħu jikkwalifikaw bħala għajnuna eżentata bħala kategorija skont l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE ([3]).

Id-Danimarka talbet li tingħata awtorizzazzjoni għal perjodu ta' sitt snin, li hu l-perjodu massimu indikat fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva.

Id-Danimarka tikkunsidra li din il-miżura hija konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE dwar il-promozzjoni tal-elettriku mix-xatt għall-użu mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet tal-Unjoni ([4]) u mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018" ([5]). F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li minn Ġunju 2011 'il quddiem, l-Istati Membri se jkollhom obbligu inkondizzjonat li jilħqu l-istandard tal-kwalità tal-arja għas-sustanzi niġġieża rilevanti bħall-materja partikulata ([6]). Dan l-obbligu jesiġi li huma jsibu soluzzjonijiet għal problemi bħall-emissjonijiet mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet fejn ikun rilevanti u huwa probabbli li fil-portijiet li għandhom dawn il-problemi, l-użu tal-elettriku mix-xatt se jkun inkoraġġit bħala element mill-istrateġija kumplessiva għall-kwalità tal-arja.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1–78).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE tat-8 ta' Mejju 2006 dwar il-promozzjoni tal-elettriku mill-art għall-użu mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 125, 12.5.2006).

([5]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018, COM(2009) 8 finali tal-21 ta' Jannar 2009.

([6]) Ara d-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152 tal-11.6.2008).

Bit-tnaqqis fit-taxxa, id-Danimarka trid tagħti inċentiv lill-operaturi tal-bastimenti biex jużaw l-elettriku mix-xatt sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-ħsejjes fl-ajru mill-bastimenti rmiġġati kif ukoll l-emissjonijiet tas-CO_2. L-applikazzjoni ta' rata ta' taxxa mnaqqsa għandha ssaħħaħ il-kompetittività tal-elettriku mix-xatt meta mqabbla mal-konsum ta' fjuwil tal-bastimenti abbord, li huwa eżentat għal kollox mit-taxxa.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, b'mod partikolari l-Artikoli 14(1)(c).

Il-valutazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

Konsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva jgħid hekk:

> *"Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi."*

Permezz ta' dan it-tnaqqis fit-taxxa, l-awtoritajiet Daniżi qed isegwu l-għan li jiġi promoss mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent sabiex il-bastimenti jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom tal-elettriku waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet u b'hekk itejbu l-kwalità tal-arja lokali. Kif irrimarkat mid-Danimarka, il-Kummissjoni fil-fatt diġà rrakkomandat l-użu tal-elettriku mix-xatt bħala alternattiva għall-iġġenerar tal-elettriku fuq il-bastimenti li jkunu rmiġġati u b'hekk irrikonoxxiet il-vantaġġi ambjentali tiegħu ([7]). Attwalment l-elettriku pprovdut lill-bastimenti rmeġġati huwa ttaxxat b'rata ta' DKK 878 (app. EUR 117.95) kull MWh. L-eżenzjoni mitluba għalhekk għandha twassal għal inċentiv ieħor għall-użu ta' din it-teknoloġija ekwivalenti għal DKK 874 jew app. EUR 117,41 kull MWh u għalhekk tikkontribwixxi għall-għan politiku ddikjarat.

Rigward in-natura tal-għan politiku segwit il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li l-promozzjoni tal-elettriku mix-xatt huwa fil-fatt għan politiku komuni li għandu jiġi segwit mill-Unjoni kollha kemm hi. Dan huwa ddikjarat b'mod ċar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar politika marittima integrata ([8]) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha ([9]). Il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-elettriku mix-xatt ipprovdut lill-bastimenti waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet ikun eżentat mit-tassazzjoni tal-enerġija għal perjodu ta' tmien snin fil-proposta tagħha għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija ([10]).

Madankollu l-proposta tal-Kummissjoni ma ġietx adottata mill-Kunsill u fl-2015 il-Kummissjoni rtiratha ([11]). Bħalissa l-unika possibbiltà biex jiġi introdott trattament tat-taxxa favorevoli fuq l-elettriku mix-xatt hija pprovduta bl-Artikolu 19. L-għan tiegħu huwa li jkun hemm reazzjoni għal ċirkostanzi speċifiċi fl-Istati Membri individwali li mhumiex riflessi fid-Direttiva nfisha. Deroga abbażi tal-Artikolu 19 li għandha l-għan politiku tal-promozzjoni tal-elettriku mix-xatt tista' għalhekk tingħata biss bħala miżura tranżizzjonali qabel dan l-għan jiġi indirizzat mill-Kunsill fil-kuntest ta ' reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/KE.

([7]) Ara n-nota 4, aktar 'il fuq.
([8]) COM(2007) 575 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.
([9]) SEC (2007) 1283 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.
([10]) COM(2011) 169 finali tat-13 ta' April 2011.
([11]) ĠU C 80, 7.3.2015, p. 17–23.

Konsistenza ma' politiki u ma' għanijiet oħra tal-Unjoni.

Il-miżura mitluba tikkonċerna l-aktar il-politika ambjentali tal-UE. Safejn tgħin biex jonqos il-konsum ta' fjuwil tal-bastimenti abbord fil-portijiet il-miżura fil-fatt se tagħti kontribut lejn l-għan li titjieb il-kwalità tal-arja lokali. Il-miżura x'aktarx li twassal ukoll għal tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 minħabba li t-taħlita tal-elettriku tal-grid fuq l-art tuża inqas karbonju mill-elettriku ġġenerat bil-konsum ta' fjuwil abbord, minħabba li s-sistema hija iktar effiċjenti u jintużaw fjuwils differenti. F'dan il-kuntest wieħed jista' jinnota li t-taħlita medja tal-elettriku fil-qasam tas-suq rilevanti hija konsiderevolment inqas intensiva fil-karbonju mill-medja fl-UE. Minkejja mix l-intensità fil-karbonju tal-elettriku addizzjonali fornit hija normalment ogħla minn dik tat-taħlita tal-elettriku medja u tiddependi ħafna fuq il-ħin tal-ġurnata meta t-talba addizzjonali ssir, it-tnaqqis fis-CO_2 li jirriżulta mill-miżura jibqa ' relattivament sinifikanti ([12]).

Il-miżura hija konformi mad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-użu tal-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi ([13]) li tindirizza l-kwistjoni tal-istallazzjoni ta' faċilitajiet tal-provvista tal-elettriku mix-xatt f'portijiet fejn hemm domanda għal dawn il-faċilitajiet u l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali.

Ta' min ifakkar hawnhekk li l-pożizzjoni kompetittiva tal-elettriku mix-xatt mhix favorevoli minħabba r-raġuni importanti li l-alternattiva, jiġifieri l-elettriku prodott abbord il-bastimenti waqt li jkunu fil-portijiet marittimi, attwalment tgawdi minn eżenzjoni tat-taxxa netta sħiħa: mhux talli l-fjuwil tal-bastimenti li jinħaraq biex jiġġenera l-elettriku huwa eżentat mit-tassazzjoni, u dan jikkorrispondi għall-pożizzjoni normali skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96/KE, iżda wkoll l-elettriku nnifsu prodott abbord il-bastimenti huwa eżentat (ara l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE). Minkejja li l-eżenzjoni tal-aħħar tista' bħala tali titqies diffiċli biex tiġi rrikonċiljata mal-objettivi ambjentali tal-Unjoni, din tirrifletti kunsiderazzjonijiet ta' fattibbiltà. Fil-fatt, it-tassazzjoni fuq l-elettriku ġġenerat abbord tkun teħtieġ dikjarazzjoni mingħand sid il-bastiment - ħafna drabi stabbilit f'pajjiż terz - jew mingħand l-operatur fir-rigward tal-ammont ta' elettriku kkunsmat. Id-dikjarazzjoni trid ukoll tiddetermina dak il-porzjon tal-elettriku kkunsmat fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru fejn tkun dovuta t-taxxa. Dan joħloq piż amministrattiv enormi għas-sidien tal-bastimenti jekk ikollhom jagħmlu tali dikjarazzjonijiet għall-ibħra territorjali ta' kull Stat Membru kkonċernat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jkun iġġustifikat li ma tiġix penalizzata l-alternattiva tal-elettriku mix-xatt li tniġġeż inqas, billi d-Danimarka titħalla tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni.

Is-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta

Mill-perspettiva tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta, il-miżura sempliċiment tnaqqas id-distorsjoni li teżisti fit-taxxa bejn żewġ sorsi ta' elettriku f'kompetizzjoni bejnithom għall-bastimenti rmiġġati, jiġifieri l-iġġenerar abbord u l-elettriku mix-xatt, ikkawżata mill-eżenzjoni tat-taxxa għall-fjuwils tal-bastimenti.

Rigward il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-bastimenti, wieħed irid l-ewwel nett isemmi li fil-preżent hemm għad żgħir ħafna biss ta' bastimenti li jużaw l-elettriku mix-xatt fuq bażi

([12]) Is-sehem kombinat ta' enerġija rinnovabbli għat-taħlita tal-elettriku NordPool għall-2012 kienet ta' 69.8 % (ara "http://www.nordpoolspot.com/Global/Download%20Center/TSO/Nordic-production-split_2004-2012.pdf"). Madankollu kemm l-enerġija nukleari kif ukoll l-idroenerġija, li jirrappreżentaw il-parti l-kbira tal-iġġenerar tal-enerġija rinnovabbli fin-NordPool inġenerali, jintużaw prinċipalment bħala tagħbija ta' bażi filwaqt li fil-ħinijiet l-aktar intensivi t-tagħbija hija iktar intensiva fil-karbonju bħala medja. Ta' min jinnota wkoll li d-Danimarka serrħet fuq l-enerġija termali konvenzjonali għal madwar 42% tal-elettriku prodott fl-2012, iżda l-enerġija mir-riħ qed tipprovdi parti dejjem tikber mill-provvista tal-enerġija.

([13]) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infastruttura tal-karburanti alternattivi, (ĠU L 307, 28.10.2014, pp. 1-20).

kummerċjali. Għaldaqstant id-distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni jistgħu biss jinħolqu bejn bastimenti li jgawdu mill-miżura mitluba billi jaqilbu għall-elettriku mix-xatt filwaqt li oħrajn jibqgħu jużaw l-iġġenerar abbord. Minkejja li l-pronostiċi preċiżi tal-kostijiet jiddependu ħafna minn kif jiżviluppa l-prezz taż-żejt u għalhekk huma diffiċili ħafna, l-aħħar evidenza disponibbli tindika li kollox ma' kollox anke eżenzjoni sħiħa mit-taxxa, f'ħafna każijiet ma tnaqqasx il-kostijiet operattivi għall-elettriku mix-xatt b'mod li jiġu inqas mill-kostijiet tal-iġġenerar abbord ([14]) u għalhekk, fi kwalukwe każ, ma tirrappreżentax benefiċċju kompetittiv sinifikanti għall-operaturi tal-bastimenti li jużaw l-elettriku mix-xatt bi tqabbil ma' dawk li jużaw l-iġġenerar abbord. Fil-każ preżenti, wieħed għandu jistenna inqas distorsjoni sinifikanti tat-tip li ssemma hawn fuq billi d-Danimarka se tirrispetta l-livell minimu ta' tassazzjoni preskritt bid-Direttiva 2003/96/KE għall-elettriku għall-użu kummerċjali. Barra minn hekk, id-Danimarka beħsiebha tillimita l-vantaġġ tat-taxxa għal bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' mill-inqass 400 kif ukoll għall-provvisti tal-elettriku mix-xatt ta' mill-inqas 380 volt. Għalhekk il-miżura se tkun immirata lejn dawk il-bastimeni b'iġġenerar abbord sinifikanti filwaqt li tillimita l-għadd globali ta' benefiċjarji. Il-valuri ta' limitu ġew stabbiliti f'livell relattivament baxx. Min-naħa l-oħra, wieħed jista' bir-raġun jassumi li bastimenti li jistgħu jiġu eskluži mill-benefiċċju tat-taxxa permezz tal-valuri ta' limitu huma aktar nazzjonali milli minn pajjiżi oħra tal-UE u li l-valuri ta' limitu fi kwalunkwe każ mhux se jwasslu għal trattament ta' taxxa iktar vantaġġuża għall-atturi ekonomiċi nazzjonali fir-rigward tal-kompetituri tagħhom minn Stati Membri oħra tal-UE.

Rigward il-kompetizzjoni bejn il-portijiet, l-awtoritajiet Daniżi ddikjaraw li huma jikkunsidraw negliġibbli kwalunkwe impatt potenzjali li jista' jirriżulta fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jekk il-bastimenti jbiddlu r-rotot tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' konsum ta' elettriku mix-xatt b'rata ta' taxxa mnaqqsa. F'sitwazzjoni fejn, kif iddikjarat hawn fuq, l-użu tal-elettriku mix-xatt x'aktarx ma jkunx, tal-inqas fit-terminu l-qasir, iktar ekonomiku mill-iġġenerar abbord minkejja t-tnaqqis fit-taxxa, dan it-tnaqqis fit-taxxa għall-elettriku mix-xatt x'aktarx li wkoll ma joħloqx distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn il-portijiet u mhux se jġiegħel l-bastimenti jbiddlu l-itinerarju tagħhom skont id-disponibbiltà ta' din l-alternattiva.

Il-qafas ta' żmien li għalih qed tiġi proposta l-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-rata tat-taxxa mnaqqsa huwa simili għall-qafas ta' żmien fil-proposta tal-Kummissjoni ta' tmien snin għall-eżenzjoni mit-taxxa għall-elettriku mix-xatt. Mhux probabbli li l-analiżi li saret fiż-żewġ paragrafi preċedenti tinbidel qabel id-data ta' skadenza tal-miżura.

Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura u l-iżvilupp tal-qafas tal-UE dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija

Fil-prinċipju, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jkun twil biżżejjed biex ma jiskoraġġix lill-operaturi tal-portijiet milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa. Ta' min jinnota, li l-iskala tal-miżura tat-taxxa kkonċernata hija limitata bi tqabbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija li tipprevedi eżenzjoni obbligatorja għall-elettriku mix-xatt għal perjodu ta' tmien snin wara d-dħul tagħha fis-seħħ. Madankollu d-deroga xorta ma għandhiex iddgħajjef l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti u għandha tqis l-adozzjoni possibbli mill-Kunsill ta' att ġuridiku bbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, jidher xieraq li l-awtorizzazzjoni mitluba għandha tingħata għal perjodu massimu ta' sitt snin permess mid-Direttiva, soġġetta, madankollu għad-dħul fis-seħħ ta'

([14]) Ara European Commission Directorate General Environment, Service Contract Ship Emissions: Assignment, Abatement and Market-based Instruments, Task 2a – Shore-Side Electricity, Awwissu 2005, http://ec.europa.eu/environment/air/pdf/task2_shoreside.pdf. L-analiżi tal-kostijiet saret għat-tliet portijiet ta' Gothenburg (l-Iżvezja), Juneau u Long Beach (l-Istati Uniti tal-Amerika).

dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kwistjoni, f'mument iktar kmieni mill-iskadenza hekk prevista. Dan il-perjodu ta' żmien jipprovdi ċertezza legali għall-operaturi tal-port u tal-bastimenti li jridu jippjanaw l-investimenti tagħhom f'faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt jew f'tagħmir abbord.

Regoli dwar l-għajnuna mill-istat

Abbażi tar-rata tal-kambju rilevanti tal-1 ta' Ottubru 2014 kif ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([15]), ir-rata mnaqqsa tat-taxxa ta' DKK 4 kull MWh prevista mill-awtoritajiet Daniżi hija ogħla mill-livell minimu tal-UE tat-tassazzjoni fuq l-elettriku għal skopijiet kummerċjali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE. B'hekk il-miżura tidher li taqa' taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE, li jistipula l-kundizzjonijiet li bihom l-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva 2003/96/KE tista' tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat. Madankollu ma jistax jiġi stabbilit f'dan l-istadju jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament humiex sodisfatti u jekk il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari, f'każ ta' għajnuna eżentata, ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mid-Danimarka u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

Ġbir u użu ta' għarfien espert

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

Valutazzjoni tal-impatt

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Prinċipju ta' sussidjarjetà

.

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE. Iżda, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata l-kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, li jawtorizza Stat Membru jintroduċi eżenzjonijiet jew tnaqqis ulterjuri skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju ta' sussidjarjetà mhux applikabbli għal din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhux abbozz ta' att leġislattiv, ma jridx jiġi trasmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal reviżjoni ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

([15]) Ara n-nota 1, aktar 'il fuq.

Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità. It-tnaqqis fit-taxxa ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħaq l-għan inkwistjoni (ara l-kunsiderazzjonijiet dwar l-aspetti tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta mogħtija hawn fuq).

Għażla ta' strumenti

Strument(i) propost(i): Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprovdi għal din it-tip ta’ miżura biss.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-miżura ma twassal għall-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

2015/0106 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tal-ittra tat-2 ta' Lulju 2014, id-Danimarka talbet l-awtorizzazzjoni biex tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port ("elettriku mix-xatt"), skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE. Fuq talba tal-Kummissjoni, id-Danimarka pprovdiet informazzjoni addizzjonali fit-13 ta' Novembru 2014 u fit-23 ta' Frar 2015.

(2) Bit-tnaqqis fit-taxxa li beħsiebha tapplika, id-Danimarka għandha l-għan li tippromwovi l-użu tal-elettriku mix-xatt. L-użu ta' dan l-elettriku huwa meqjus bħala mezz li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-elettriku tal-bastimenti li jkunu rmiġġati fil-portijiet, bi tqabbil mal-ħruq ta' fjuwils tal-bastimenti minn dawk il-bastimenti.

(3) Safejn l-użu tal-elettriku mix-xatt jevita l-emissjonijiet ta' tniġġis tal-arja li joriġinaw mill-ħruq tal-fjuwils tal-bastimenti abbord il-bastimenti fl-irmiġġ, dan jagħti kontribut għal titjib tal-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwali. Taħt il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-istruttura tal-iġġenerar tal-elettriku fir-reġjun ikkonċernat, jiġifieri s-suq tal-elettriku Nordiku li jinkludi d-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, u n-Norveġja, l-użu tal-elettriku mill-grilja tax-xatt minflok l-elettriku ġġenerat permezz tal-ħruq tal-fjuwils tal-bastimenti abbord huwa mistenni li jnaqqas aktar l-emissjonijiet tal-CO_2. Il-miżura għalhekk hija mistennija li tagħti kontribut lill-objettivi tal-politiki ambjentali, tas-saħħa u tal-klima tal-Unjoni.

(4) Id-Danimarka talbet b'mod espliċitu li t-tnaqqis tat-taxxa ma għandhux jiġi applikat fuq l-elettriku pprovdut direttament lil dgħajjes privati użati għar-rikreazzjoni rmiġġati f'port.

(5) Li jingħata permess lid-Danimarka biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għall-elettriku mix-xatt ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jiżdied l-użu tal-elettriku mix-xatt, peress li fil-maġġoranza tal-każijiet l-iġġenerar abbord se jibqa' l-iżjed alternattiva kompetittiva. Għall-istess raġuni, u minħabba li t-

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

teknoloġija għadha mhix disponibbli fid-Danimarka, il-miżura x'aktarx li ma twassalx għal distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni matul il-ħajja tagħha u għalhekk mhux se jkollha effett negattiv fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(6) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dik id-dispożizzjoni jrid ikollha żmien strettament limitat. Sabiex jiġi żgurat li l-perjodu ta' awtorizzazzjoni huwa twil biżżejjed biex ma jiskoraġġix lill-operaturi tal-port milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa, huwa xieraq li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata għal perjodu ta' sitt snin, soġġetta madankollu għad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kwistjoni li jistgħu jiġu adottati skont l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, qabel l-iskadenza mistennija tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni.

(7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Danimarka hija b'dan awtorizzata tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati fil-portijiet, għajr dgħajjes għal użu rikreattiv privat, bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-livelli minimi ta' tassazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija m'għandhiex tibqa' tapplika wara sitt snin.

Madankollu, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat, jipprovdi għal regoli ġenerali dwar il-vantaġġi fiskali għall-elettriku mix-xatt, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi dakinhar li fih isiru applikabbli dawk ir-regoli ġenerali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President